**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 134/2008 MLF**

**Carmelo Bartolo u Salvatore Bartolo**

**Vs**

**Joseph Sammut Co. Ltd.**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' €6755.18 gia Lm2900 rapprezentanti valur ta' xoghol u materjal ta' bini debitament esegwit mill-atturi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta li kien inghata minn tal-ahhar b'sub-appalt fuq sit gewwa Madliena Village, Madliena.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta Joseph Sammut Co. Ltd. fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huuma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi hija m'ghandha tatihom ebda hlas kif mitlub minnhom.

2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ghandhom jispecifikaw dettaljatment il-pretensjoni taghhom, kif ukoll id-data meta huma jallegaw li ghamlu x-xoghol u fornew il-materjal li ghalih qed jitolbu l-hlas, sabiex l-esponenti tkun tista' tirregola ruhha anke fid-dawl tal-preskrizzjoni applikabbli ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' konvenuta kienet inkarigat, permezz ta' "subcontracting" (subappalt) lill-atturi sabiex jaghmlu xoghol ta' alterazzjonijiet f'post gewwa Madliena Village, ahjar maghruf bhala Madliena Gardens.

2. L-atturi kienu ilhom jahdmu bejn tlieta jew erbgha snin f'Madliena Village jaghmlu xoghol iehor u ta' dan kienu thallsu. L-azzjoni li qieghdha ssir hija bbazata fuq ix-xoghol li sar fil-Blokk 80 jew "8," kif ukoll kien maghruf. F'dan il-blokk ix-xoghol li sar kien jikkonsisti f'caqliq ta' bini, bini ta' kmamar tal-banju u ftuh fejn tpoggew travi tal-hadid. L-attur Carmelo Bartolo jghid ukoll li kien ghamel ukoll xi xoghol isfel fil-pilastri l-qodma.[1]

3. Fil-kawza odjerna, l-atturi qed jallegaw li ma thallsux tax-xoghol li wettqu fil-kmamar tal-banju, fil-ftuh ghat-travi, kif ukoll ghax-xoghol li sar fil-pilastru l-qadim u dawn kienu jammontaw rispettivament ghal Lm1700 u Lm1200 rispettivament, li flimkien iwasslu ghall-total ta' Lm2900 u cioe ekwivalenti ghal €6755,18.[2]

[1] Ara xhieda a fol.14 tal-process.
[2] Ara xhieda a fol.14 tal-process u dokument esebit a fol.18 tal-process fejn hemm immarkat "new".

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

*Kwistjoni Preliminari – Jekk gietx sollevata l-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni*

Fir-risposta taghha, is-socjeta konvenuta tghid li riedet aktar dettalji dwar il-pretensjoni tal-atturi *“sabiex l-esponenti tkun tista’ tirregola ruhha anke fid-dawl tal-preskrizzjoni applikabbli ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili”.*

Minn kif inhi redetta din ir-risposta, jidher car li f’dak l-istadju, is-socjeta konvenuta ma issollevatx din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, imma kienet qed tirriserva li jekk ikun il-kaz tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fi stadju ulterjuri wara li jkollha iktar dettalji dwar il-pretensjoni tal-atturi.

Mill-atti ma jirrizultax li din l-eccezzjoni giet sollevata mis-socjeta konvenuta fi stadju ulterjuri ta’ dawn il-proceduri, u fil-fatt ma saret l-ebda referenza ghaliha waqt it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Konsegwentement, la darba din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx formalment sollevata, din il-Qorti ma tista’ taghti l-ebda decizjoni dwarha.

*Il-Meritu*

Il-Qorti hija rinfaccata b’zewg verzjonijiet tal-fatti diametrikament opposti – dik tal-atturi u dik tas-socjeta konvenuta.

Rigward ix-xoghol mertu tal-kawza odjerna, l-attur Carmelo Bartolo spjega li parti minnu kellu jithallas bil-kejl, u parti ohra bl-istima. Ghal dak li kien jikkoncerna dan il-kaz, it-talba ghall-kreditu taghhom, ma kienx marbut ma’ ftehim, izda biss ma’ prezz.[3] Pero’ l-ahhar xoghol li kienu ghamlu kellu jithallas bir-rati, li kien hadem Joseph Debono, surveyor tas-

[3] Ara xhieda  a fol. 38 tal-process.

socjeta' konvenuta. Ix-xhud m'huwiex konsistenti meta jkompli jghid li bhala norma kienu jhallu lil dan tal-ahhar jahdem ir-rati, izda kien hemm drabi fejn kien jahdimhom ir-rikorrent Carmelo Bartolo.[4] Fil-kaz partikolari, Joseph Debono kien hadem ir-rati, u ma kienux inhaddmu quddiem Carmelo Bartolo. Fil-fatt jirrizulta li kienu Joseph Debono u Joseph Sammut, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li kienu hadu l-kejl.

Huwa dwar il-kontijiet li hemm kontestazzjoni u xhieda konflingenti bejn il-partijiet. Joseph Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta pprezenta l-kont originali li kien tah ir-rikorrent Carmelo Bartolo.[5] Carmelo Bartolo da parti tieghu pprezenta kont[6] lis-socjeta' konvenuta u Joseph Debono kellu jivverifikah,[7] fatt ikkonfermat mill-istess Debono, li stqarr ukoll li wara li kien ivverifika x-xogholijiet li kienu saru fil-blokk "80" jew "8," kien kiteb "new" fuq il-kont fejn kien hemm indikat "*4 kmamar tal-banju u ftuh bibien u travi fi blokk – Lm1700,*" kif ukoll fejn kien hemm indikat "*xoghol isfel fil-pilastru l-qadim fit-tarag u fir-rampa – Lm1200*" ghax kien irrizultalu li ma kienux inkluzi fil-kont originali mahrug mill-attur Carmelo Bartolo.[8] Ghal darb'ohra l-verzjonijiet huma kontrastanti ghaliex Bartolo jispjega illi meta s-surveyor Joseph Debono kien gie fuq il-post ivverifika li kienu saru dak il-hin stess u kien qabel maghhom. Fl-affidavit tieghu, Joseph Debono, filwaqt li jikkonferma li kien nizzel il-kelma "new" fil-kont li tah Carmelo Bartolo, fejn kien hemm indikat zewg xogholijiet, irrizultalu li dawn kienu diga' nkluzi fil-kont originali skond il-kejl li kien ha hu stess fuq il-post u kien thallas taghhom.[9]

L-atturi pprezentaw diversi rcevuti fiskali sabiex jikkonfermaw li kien hemm hlas da parti tas-socjeta' intimata, izda jinsistu li kien ghad fadal bilanc, li fuqu nfethet il-kawza. Mir-rizultanzi ta' dawn l-ircevuti fiskali jirrizulta li b'kollox thallsu Lm8781.05[10]. Ir-rikorrent Carmelo Bartolo accenna ghal fatt ukoll li hu u huh kellhom kotba tal-VAT separati u numri tal-VAT differenti ukoll.[11] Carmelo Bartolo, jghid li l-bilanc kien limitat ghax-xogholijiet li saru fil-blokk 80 jew "8," u tax-xogholijiet l-ohra li kien ghamel f'Madliena Village kien thallas.[12]

---

[4] Ara xhieda afol.37 tal-process.
[5] Ara dokument a fol. 58 tal-process.
[6] Ara dokument a fol.18 tal-process.
[7] Ara xhieda a fol. 38 tal-process.
[8] Ara Dokument a fol.58 tal-process.
[9] Ara xhieda a fol.50 tal-process.
[10] Ara dokumenti esebiti a fol.24-28 tal-process.
[11] Ara xhieda a fol. 15 tal-process.
[12] Ara xhieda afol.14 tal-process.

Il-versjoni tal-fatti tas-socjeta konvenuta hija ferm differenti. Hija tinsisti li kienet hallset dak kollu li kien dovut lill-atturi. Hija tikkonferma li kienet hallset is-somma ta' Lm10,120, VAT inkluz u dan ghall-formazzjoni tal-kmamar tal-banju u ftuh ta' aperturi, inkluz ix-xiri u tqeghid ta' travi.[13] Kemm Joseph Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll Joseph Debono, is-surveyor tal-istess socjeta' pprezentaw "itemised bill" tax-xoghol li gie sub-appaltat lill-atturi. Minn hawn jirrizulta li kien hemm qbil fuq ir-rati tal-kejl li bihom kellhom jithallsu l-atturi ghax-xoghol tat-travi, kif ukoll ghal-"labour", kif ukoll ghall-prezz tal-alterazzjonijiet fil-blokk 80 jew "8."[14] Skond is-surveyor Debono, wara li kejjel ix-xoghol, irrizultalu li kien hemm certi diskrepanzi fuq il-kejl[15] bejn dak li kkonfermaw l-atturi u dak li kejjel hu. Dan wassal sabiex ikkonkluda li s-socjeta' konvenuta suppost hallset Lm9,641 ghax-xoghol, filwaqt li skond l-atturi kellhom jithallsu Lm11,820. [16] Imbaghad, Joseph Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' intimata jikkonferma li kienet hallset lill-atturi s-somma ta' Lm10,120 (VAT inkluz).[17]

Din il-Qorti ghandha l-kompitu ardwu hawnhekk li tiddeciedi kaz, li skond kif ippuntwalizza l-avukat tas-socjeta' konvenuta, ser ikun kompitu difficili. Il-kaz intier huwa karatterizzat minn konfuzjoni totali, in partikolari fejn jidhlu figuri fuq il-kontijiet in kwistjoni.

In ogni caso, dina l-Qorti trid tistabbilixxi, li l-atturi kkonvincewaha moralment li l-kaz taghhom huwa gustifikat. Kollox jiddependi fuq il-kredibbilita' tax-xhieda. Ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-kaz taghhom. Illi ghalhekk jidhol *in ballo* l-principju generali li min jallega jinkombi fuqu l-oneru tal-prova.

Fis-sentenza **Camilleri Enrico vs Borg Martin** deciza fis-17 ta' Marzu 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[18] irriteniet hekk:

*"... ... (K)if pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza*

[13] Ara xhieda a fol. 40 tal-process.
[14] Ara fol.41 tal-process.
[15] Ara fol.41 tal-process.
[16] Ara fol.41 u 50 tal-process.
[17] Ara xhieda a fol. 40 tal-process.
[18] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

*Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, kompriz in-natura tal-hsarat in relazzjoni ghad-dinamika tal-incident, il-Qorti hi tal-opinjoni illi f'dan il-kaz iz-zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera. Fi kliem iehor ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra. F'tali sitwazzjoni "ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur" – ("**Joseph Vincent Rausi noe –vs- Joseph Muscat**", Prim'Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru 1995."*

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johrogu minn dawn is-sentenzi, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum.

Minn dak li gie kkonstatat, jidher li l-atturi pprezentaw il-kont taghhom. Anzi, biex tkun preciza dina l-Qorti, l-attur Carmelo Bartolo pprezenta l-ahhar kont tieghu[19], filwaqt li Joseph Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta pprezenta ukoll l-ewwel kont mahrug mill-atturi. Fl-ebda hin u mument, ir-rikorrenti ma kkontestaw dan il-kont li pprezentat is-socjeta' konvenuta, li nhareg fl-1 ta' Awissu, 2006.[20]

Fattur iehor li dina l-Onorabbli Qorti baqghet sorpiza biha, hija li bejn l-atturi u l-avukat difensur taghhom kien hemm nuqqas ta' koerenza. Fix-xhieda taghhom, l-atturi jinsistu li huma qed jitolbu l-bilanc ghax-xogholijiet li ghamlu f'blokk 80 jew "8," filwaqt fit-

[19] Ara Dokument a fol.18 tal-process.
[20] Ara fol.58 tal-process.

trattazzjoni tieghu, l-avukat taghhom jinsisti li l-bilanc mitlub kien jikkonsisti *"fuq lant ta' xoghol iehor u extra works li ghamlu fuq blokk 8/80."*[21] Inoltre, l-istess rikors promotur jirreferi ghall-xogholijiet li saru fuq *"sit, gewwa Madliena Village, Madliena."*[22]

Din l-inkoerenza diga' *per se* tohloq konfuzjoni totali u ddghajjef il-kaz tal-atturi u wisq aktar taghmilha impossibbli biex ikun hemm carezza fil-provi, biex tindika lil dina l-Qorti x'direzzjoni qed jiehdu.

Aktar minn hekk, il-Qorti hija aktar zvijata meta l-attur Carmelo Bartolo jghid hekk:-

*"B'referenza ghax-xoghol in kwistjoni li tieghu qed nitolbu l-hlas, jiena kont nitlob il-prezz u ta' hafna mix-xoghol is-socjeta' konvenuta hallsitna abbazi ta' dan il-prezz. In rigward il-bilanc dovut jiena ghamilt il-prezzijiet peress li konna nahdmu b'din is-sistema. Niftakar jiena kont tlabt il-prezzijiet minghand is-socjeta' konvenuta u kien gie ghandi certu, anzi fuq il-post, certu Joseph Debono li jahdem fl-ufficju tas-socjeta' konvenuta."*[23]

In kontro-ezami, imbaghad l-istess xhud jghid hekk:-

*"Rigward ix-xoghol li qed nippretendi l-hlas skond din il-kawza, dwar dan ma kienx hemm ftehim, izda prezz biss. L-ahhar xoghol li hdimna kien bir-rati, ir-rati kien hadimhom Joseph Debono ... ... Joseph Debono huwa s-surveyor tas-socjeta' konvenuta u bhala* norma hu *kien jahdmilna r-rati. Gieli qghadna fuq dan is-surveyor u gieli hdimthom jien.*

*In rigward l-ahhar kont, dan l-ahhar xoghol ir-rati nhadmu minn Joseph Debono, sa fejn naf jien, ghax dawn ma gewx mahdumin quddiemi. F'dan il-kaz kont hadt kont jiena u Joseph Debono kellu jivverifikah."*[24]

Ghalhekk, mir-rizultanza ta' dina x-xhieda ma johrogx car ezattament jekk kienx hemm ftehim li l-kont jinhadem a bazi ta' kejl bi-rati, jew kien hemm biss prezzijiet. L-atturi kellhom kull opportunita' li jikkontestaw il-kalkolazzjonijiet kif mahduma bir-rati mis-socjeta' konvenuta, izda minkejja li saru l-kontro-ezamijiet lir-rapprezentanti tas-socjeta'

---

[21] Ara xhieda a fol.76 tal-process.
[22] Ara fol.1 tal-process.
[23] Ara xhieda fol.14 tal-process.
[24] Ara xhieda a fol.38 tal-process.

konvenuta, ma kkontestawx ir-rati jew il-kalkolazzjonijiet mahduma mis-surveyor Joseph Debono, anzi pjuttost l-insistenza baqqghet fuq il-bilanc li kien dovut skond il-kont tal-atturi u l-insistenza ghall-konferma li Joseph Debono kien gie inkarigat biex jiehu l-kejl tax-xoghol li kien sar.

Anzi mix-xhieda ta' Joseph Sammut, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, jirrizulta li l-kejl kien originarjament inhadem minn certu Tony Calleja, li kien jahdem mas-socjeta' intimata u li llum kien miet.[25] Jghid ukoll li biex jikkonferma dan il-kejl kien ha mieghu lil Joseph Debono, li kien jahdem bhala surveyor mieghu.

Fattur iehor li jkompli idaghajjef il-kaz tal-atturi huwa dak li jirrigwarda l-provi migjuba fuq il-hlas. Ghal darb'ohra, Carmelo Bartolo spjega li hu u huh ghandhom numru tal-VAT differenti u l-ircevuti fiskali donnhom ma jinhargux minn ktieb fiskali wiehed, jew ta' wiehed mir-rikorrenti jew l-iehor. Ghalhekk gew esebiti erba' ircevuti fiskali minn Carmelo Bartolo.[26] Jikkonferma li Dokument CBX huwa rcevuta fiskali li hareg hu u mbaghad hemm dawk mahrugin mill-attur Salvu Bartolo. L-istess Salvu Bartolo ma jikkonfermax liema kien l-ahhar pagament u jekk kienx hemm pagamenti ohra. Carmelo Bartolo stess jghid li m'huwiex cert jekk kienx hemm aktar pagamenti, peress li kienu juzaw kotba fiskali differenti. [27]Isemmi ukoll li meta thallas tad-dokument "CBX" kien iffirma karta, pero' dina l-istess karta qatt ma giet ipprezentata u ghalhekk isir difficli ghal dina l-Qorti biex tikkonferma x'kien fiha.[28] Dan ghalhekk isir kompitu difficli biex jigi kkonfermat kemm gie mhallas mis-socjeta' konvenuta skond l-atturi.

Hemm aktar koerenza da parti tas-socjeta' konvenuta, meta tindika li kienet hallset is-somma ta' €10,620 ghall-alterazzjonijiet li saru fil-blokk numru 80, skond dak li kien hemm indikat fl-ewwel kont mahrug minn Carmelo Bartolo[29]. L-attur addirittura esebixxa t-tieni kont fejn indika s-somma ta' Lm7300, ghall-alterazzjonijiet fil-blokk numru 80. Ma tax spjegazzjoni ta' kif l-ammont ta' alterazzjonijiet tnaqqas. Izda mbaghad jirrizulta li gew mizjuda zewg "items" ohra fil-kont tieghu, u dawn jirrigwardaw l-ammont pretiz f'dina l-kawza. It-tezi tas-socjeta' konvenuta hija li l-hlas taghha kopra dawn l-ammonti kollha. Skond ir-rati kkalkulati

[25] Ara xhieda a fol.68 tal-process.
[26] Ara dokumenti esebiti minn fol.24-28 tal-process.
[27] Ara xhieda a fol. 15 tal-process.
[28] Ara xhieda a fol. 38 tal-process.
[29] Ara fol.58 tal-process.

mis-surveyor Debono, is-socjeta' attrici kellha thallas is-somma ta' Lm9641, li kienu total ta' xoghol tat-travi u labour u alterazzjonijiet[30] u mbaghad ma' dan kellu jizdied l-VAT. Jekk jigi kkunsidrat ghall-mument li l-verzjoni tal-atturi hija dik veritiera, ifisser li bl-ircevuti li pproducew, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta diga' kienet hallset is-somma ta' Lm8781.05[31] u ghalhekk aktar minn dak li kienu qed jippretendu ghall-alterazzjonijiet skond il-kont esebit minn Carmelo Bartolo.[32] Tenut kont ta' dak li gia evaluwat minn dina l-Qorti, ma jistax jigi konkluz b'mod koerenti x'kien effettivament l-ammont imhallas mis-socjeta' konvenuta, kompitu mistenni mill-atturi, izda zgur kien aktar minn dak li kien mitlub ghall-alterazzjonijiet, gialadarba l-atturi jinsistu li l-bqija kull kreditu taghhom kien gie saldat mis-socjeta' konvenuta. Jekk irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta kienitx dik veritiera jew le, l-atturi zgur ma kkonvincewx din il-Qorti li jafu ezattament x'ammont qed jippretendu u precizament ghal liema xogholijiet.

Tenut ta' dan kollu, din il-Qorti, wara li evaluwat u analizzat il-provi kollha, jirrizultalha li hemm wisq inkonsistenzi biex iwassalha ghall-konvinciment morali li l-verzjoni tal-atturi hija wahda plawsibbli.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonjiet tas-socjeta konvenuta, u tichad it-talba tal-atturi, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

[30] Ara xhieda a fol.50 tal-process.
[31] Ara dokumenti esebit bejn fol.24 – 28 tal-process.
[32] Ara fol.18 tal-process.